MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1247/2000/1

**Maltacom plc**

**vs**

**Schembri Bros. Ltd. u b'digriet tat-30 ta' Jannar, 2001, isem is-socjeta` konvenuta gie korrett ghal Schembri & Sons Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mis-socjeta` attrici fis-16 t'Awissu, 2000 fejn intalab il-hlas ta' hamsa u tmenin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm85.24), invoice 5090, liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici nkonnessjoni ma' hsara fuq "cables" tat-telefon fi Triq is-Sienja, Attard, fit-30 ta' Novembru, 1998, u dana kif jirrizulta mill-kopja tal-kont anness mal-avviz u mmarkat Dok.A;**
**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta Gunju, 1999, u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali u t-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta Schembri Bros Limited prezentata fit-28 ta' Settembru, 2000, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi s-socjeta` konvenuta kif citata hija zbaljata u ghaldaqstant ma setghet ghamlet ebda xogholijiet kif allegat fit-talba.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Noel Scerri u ta' Roberta Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebitit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**It-Tribunal hu soddisfatt mix-xhieda ta' Roberta Farrugia li s-socjeta` konvenuta qatt ma ghamlet xoghol ta' trinek kif indikat fl-avviz. Ghalhekk l-ammont mitlub ma hux dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba tas-socjeta` attrici bl-ispejjez kontra taghha.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**